# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1213/00**

**Numru 38**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmela Fava**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tmenin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm980.64) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 657328 liema servizz gie stallat fil-fond fuq l-avviz imsemmi u dana skond ma kif jidher mill-"service agreement" anness mal-avviz Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, bl-ispejjes tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm980.64,0 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Settembru 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg